**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 9 ta' Gunju 2025**

**Rik. Kongunt.Nru.: 233 /2025 JPG**

**Kawza nru.: 25**

**MG u NG**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 14 ta' Mejju 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi huma kienu żżewġu f'Malta nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (1994) u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf ħames mija wieħed u erbgħin tal-elf disgħa mija erbgħa u disgħin (1541/1994) u kopja tal-estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok "A";***

*Illi minn dan iż-żwieġ, l-esponenti kellhom tifla, NG, li twieldet fl-X u allura llum maġġorenni u għandha l-eta ta' X sena;*

*Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela ippubblikat fil-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja awtentikata tal-istess qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok***

***"B"**;*

*Illi l-esponenti ilhom separati de facto sa minn qabel ma sseparaw legalment;*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw li skont il-kuntratt minnhom iffirmat l-ebda parti m'ghandha thallas manteniment lill-parti l-oħra u li kull parti għandha tipprovdi hi għaliha nnifisha;*

*Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut lill-mara għal binthom;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;*

*Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul u għal dan il-għan huma jiddikjaraw ukoll li qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt biex jirrappreżenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejniethom u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-**Artikoli 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MG xehdet** (vide affidavit fol 11) illi l-kontendenti izzewgu nhar it-3 ta' Settembru 1994. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li illum hija maggorenni. Xehdet illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-11 ta' Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela. Di piu', illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**NG xehed** (vide affidavit fol 12) u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Settembru 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 1541/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, a fol 3). Jirrizulta li l-partijiet kellhom tifla li llum hija maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela nhar il-11 ta' Dicembru 2014 (Vide Dok B fol 4 et seqq.) Il-partijiet ilhom separati de facto sa minn qabel ma sseparaw legalment. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1541/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**